

# Rapport Annwali

**2010**

Sommarju Eżekuttiv



KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA





# Rapport Annwali

**2010**

Sommarju Eżekuttiv



**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\* ) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess  
għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-95073-92-0

doi:10.2804/26268

© L-Unjoni Ewropea, 2011

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali

# INTRODUZZJONI

Dan huwa s-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Annwali 2010 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD). Ir-rapport ikopri l-2010 bħala s-sitt sena sħiħa ta' attività tal-KEPD bħala awtorità indipendenti ġdida ta' kontroll, responsabbli biex tiżgura li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari l-privatezza tagħhom, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, jiġu rrispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Huwa jkopri wkoll it-tieni sena tal-mandat komuni ta' ħames snin ta' Peter Hustinx, Kontrollur, u Giovanni Buttarelli, Assistent Kontrollur.

L-attivitajiet ewlenin tal-KEPD, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001<sup>1</sup> (ir-Regolament), huma li:

- jagħmel monitoraġġ u jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament jiġu mħarsa meta l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jipproċessaw data personali (**superviżjoni**);
- jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar tad-data personali. Dawn jinkludu konsultazzjoni dwar proposti għal-leġiżlazzjoni u l-monitoraġġ ta' żviluppi ġodda li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali (**konsultazzjoni**);

- jikkoopera ma' awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll u ma' korpi ta' kontroll f'dak li kien it-tielet pilastru tal-UE bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza fil-protezzjoni tad-data personali (**kooperazzjoni**).

Din is-sena reġgħet kienet ta' importanza kbira għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data. It-Trattat ta' Lisbona, li jiżgura bażi legali b'saħħitha għal protezzjoni tad-data komprensiva fl-oqsma kollha tal-politika tal-UE, kellu impatt dejjem aktar viżibbli. Il-proċess ta' reviżjoni tal-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data qiegħed jieħu l-forma u jattira aktar attenzjoni. Żewġ programmi ta' politika ewlenin, il-programm ta' Stokkolma fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u l-Aġenda Diġitali – pedamenti għall-istrateġija tal-Ewropa 2020 – juru li l-protezzjoni tad-data hija element kruċjali tal-leġittimità u l-effikaċja fiż-żewġ oqsma.

Il-KEPD kien involut bis-sħiħ f'dawn l-oqsma differenti u ser ikompli f'din it-triq. Barra minn hekk, ir-rwol tal-KEPD bħala awtorità indipendenti ta' kontroll kien assigurat billi eżerċita l-awtorità tiegħu fl-oqsma ewlenin kollha ta' attività u billi għamel żgur li l-organizzazzjoni tiegħu tkun kompletament adegwata. Dan wassal għal progress sinjifikanti, kemm fil-kontroll tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE meta jipproċessaw data personali, u fil-konsultazzjoni dwar politiki u miżuri leġiżlattivi ġodda, kif ukoll fil-kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn ta' kontroll biex tkun żgurata konsistenza akbar fil-protezzjoni tad-data.

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 8, 12.1.2001, p.1.

# RIŻULTATI FL-2010

Ħafna mill-obiettivi ewlenin li ġejjin, stabbiliti fl-2009, twettqu b'mod sħiħ jew parzjali.

- **Appoġġ għan-netwerk tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data**

Il-KEPD kompli jagħti appoġġ qawwi lill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-data (UPD) u ħeġġeġ l-iskambju tal-ħila esperta u tal-aqwa prattiċi. Fil-qafas tan-netwerk tagħhom, il-UPD żviluppaw dokument dwar 'L-Istandards Professjonali għall-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE li jaħdmu skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001'. Il-KEPD bagħat ittra lill-kapijiet kollha tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji, fejn approva l-istandards u enfasisza l-importanza tar-rwol tal-UPD fil-kisba tal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data kif stipulati fir-Regolament.

- **Rwol ta' verifika minn qabel**

Il-KEPD kważi lesta l-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet eżistenti tal-ipproċessar għall-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet u l-korpi stabbiliti, u għamel aktar enfasi fuq is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet. Din is-sena ngħalqu 137 każ. Il-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet komuni tal-ipproċessar fl-aġenziji ngħata attenzjoni speċjali, l-istess bħall-indirizzar ta' dawn il-każijiet permezz ta' opinjonijiet konġunti.

- **Gwida orizzontali**

Sabiex jgħin ħalli tiġi żgurata l-konformità fl-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u biex jiġu integrati l-proċeduri ta' verifika minn qabel, il-KEPD ippubblika gwida dwar l-investigazzjonijiet amministrattivi, il-proċeduri dixxiplinarji u s-sorveljanza bil-vidjo.

- **Politika ta' spezzjoni**

Fl-2010, il-KEPD kompli s-segwitu tal-ispezzjonijiet preċedenti. Barra minn hekk, il-KEPD wettaq spezzjoni fiċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni f'Ispra. F'Diċembru 2010, il-KEPD ippubblika politika komprensiva dwar il-monitoraġġ tal-konformità u l-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet u l-korpi.

- **Ambitu tal-konsultazzjoni**

Il-KEPD ħareġ numru rekord ta' 19-il opinjoni u 7 settijiet ta' kummenti formali dwar proposti għal leġiżlazzjoni ġdida, fuq il-bażi ta' inventarju sistematiku ta' suġġetti u prijoritajiet rilevanti u assigura s-segwitu adegwat tiegħu. Ingħatat attenzjoni speċjali lill-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma.

- **Reviżjoni tal-qafas legali**

F'għadd ta' okkażjonijiet, bl-użu ta' għodod differenti, il-KEPD ħadem bis-sħiħ għal approċċ ambizzjuż fl-iżvilupp ta' qafas modern u komprensiv għall-protezzjoni tad-data, li jkopri l-oqsma kollha ta' politika tal-UE u jiżgura l-protezzjoni effettiva fil-prattika, li tista' tagħti ċertezza legali għal ħafna snin. Il-fehmiet tal-KEPD kienu ppreżentati f'opinjoni maħruġa f'Jannar 2011.

- **Aġenda Diġitali**

Meta kien qiegħed jittratta ma' konsultazzjonijiet, il-KEPD iffoka fuq l-isfidi ewlenin għall-protezzjoni effettiva tad-data personali. Dan ifisser li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn il-ħtieġa għas-sigurtà

u l-protezzjoni tad-data, f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżviluppi teknoloġiċi u l-indirizzar tal-effetti tal-flussi tad-data madwar id-dinja. Ingħatat attenzjoni speċjali lill-Aġenda Diġitali tal-Kummissjoni f'opinjonijoni li għet adottata f'Marzu 2010, li kompliet telabora l-prinċipju tal-"Privatezza skont id-Disinn".

- **Attivitajiet ta' informazzjoni**

Il-KEPD komplja jtejjeb il-kwalità u l-effikaċja tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni u l-għodod ta' informazzjoni. Żvilupp prinċipali f'dan il-qasam kien l-introduzzjoni tal-Ġermaniż bħala t-tielet lingwa, flimkien mal-Ingliż u l-Franċiż, fl-istampa u fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni.

- **Organizzazzjoni interna**

Is-Segretarjat tal-KEPD kien organizzat mill-ġdid sabiex jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet u jiġi żgurati twettiq aktar effettiv u effikaċi tar-rwoli u l-kompiti differenti. Fl-istruttura organizzattiva l-ġdida, id-Direttur jiżgura l-implimentazzjoni tal-politiki u l-koordinazzjoni orizzontali tal-attivitajiet li jsiru fil-ħames setturi differenti. Il-Karta Organizzattiva ġdida hija disponibbli fuq is-sit elettroniku.

- **Ġestjoni tar-riżorsi**

Matul l-2010, kien hemm żieda sostanzjali fin-numru ta' persunal tal-KEPD. Flimkien mar-riorganizzazzjoni interna, kienu meħtieġa sforzi ġodda fl-ippjanar, il-proċeduri interni u l-implimentazzjoni tal-baġit.

## **Xi figuri ewlenin tal-KEPD fl-2010**

→ **Ġew adottati 55 opinjoni ta' verifika minn qabel**, partikolarment dwar data dwar is-saħħa, l-evalwazzjoni tal-persunal, ir-reklutaġġ, il-ġestjoni tal-ħin, l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà, ir-reġistrazzjoni tat-telefonati, l-għodod tal-prestazzjoni

→ **Waslu 94 ilment, 25 minnhom kienu ammissibbli**

Tipi ewlenin ta' ksur allegat: ksur tal-kunfidenzjalità tad-data, ġbir eċċessiv tad-data jew użu illegali tad-data mill-kontrollur.

- **Ġew riżolti 10 każijiet** fejn il-KEPD ma sab l-ebda ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data

- **Ġew iddikjarati 11-il każ ta' nuqqas ta' konformità** mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data

→ **35 konsultazzjoni dwar miżuri amministrattivi**. Ingħataw pariri fuq firxa wiesgħa ta' aspetti legali marbuta mal-ipproċessar ta' data personali minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE

→ **Saret spezzjoni waħda fuq il-post**

→ **Ġew ippubblikati 2 linji gwida** dwar l-investigazzjonijiet amministrattivi, il-proċeduri dixxiplinarji u s-sorveljanza bil-vidjo

→ **Inħarġu 19-il opinjoni leġiżlattiva** dwar inizjattivi relatati mal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, l-iżviluppi teknoloġiċi, il-kooperazzjoni internazzjonali u t-trasferimenti tad-data, it-tassazzjoni u d-dwana

→ **Inħarġu 7 settijiet ta' kummenti formali** dwar, fost l-oħrajn, ir-reviżjoni tar-Regolament tal-Frontex, l-Internet miftuħ u n-newtralità netta, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern, l-iskeners tas-sigurtà, ftehimiet internazzjonali dwar l-iskambju tad-data

→ **Ġew organizzati 3 laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Kontroll tal-Eurodac**, li rriżultaw fit-tnedija ta' spezzjoni kkoordinata ġdida, kif ukoll it-tnejniet għal verifika tas-sigurtà sħiħa

→ **Ġew impjegati 12-il uffiċjal ġdid**



# KONTROLL U INFURZAR

*Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-KEPD huwa li jikkontrolla, b'mod indipendenti, l-operazzjonijiet tal-ipproċessar imwettqa mill-istituzzjonijiet jew il-korpi Ewropej. Il-qafas legali huwa r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data (KE) Nru 45/2001, li jistabbilixxi għadd ta' obbligi għal dawk li jipproċessaw id-data, flimkien ma' numru ta' drittijiet għal dawk li tkun qiegħda tiġi pproċessata d-data personali tagħhom.*

*Il-verifika minn qabel tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar kompli jkun l-aspett prinċipali tal-kontroll matul l-2010, iżda l-KEPD żviluppa wkoll forum oħrajn ta' kontroll, bħall-indirizzar tal-ilmenti, spezzjonijiet, pariri dwar miżuri amministrattivi u linji gwida tematiċi.*

## Kontrolli minn qabel

Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jistabbilixxi li l-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar ta' data personali li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data għandhom ikunu soġġetti għal kontroll minn qabel mill-KEPD. Il-KEPD imbagħad jiddetermina jekk l-ipproċessar huwiex konformi mar-Regolament jew le.

Fl-2010, il-KEPD adotta **55 opinjoni dwar il-kontroll minn qabel** fuq proċeduri amministrattivi standard, bħall-evalwazzjoni tal-persunal, ir-reklutaġġ u l-promozzjonijiet, iżda wkoll fuq attivitajiet kummerċjali prinċipali bħas-Sistema ta' Twissija u Reazzjoni Bikrija għall-iskambju ta' informazzjoni dwar mard li jittieħed. Dawn l-opinjoni jiet huma ppubblikati

fuq is-sit elettroniku tal-KEPD u l-implimentazzjoni tagħhom tiġi segwita b'mod sistematiku.

## Il-monitoraġġ tal-konformità

L-**implimentazzjoni tar-Regolament** mill-istituzzjonijiet u l-korpi jiġi wkoll **immonitorjat sistematikament** minn analiżi regolari tal-indikaturi tal-prestazzjoni, li tinvolvi lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE.

Wara l-eżerċizzju ġenerali ta' monitoraġġ li ġie mniedi fir-rebbiegħa tal-2009, il-KEPD kompli jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-regoli u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mill-istituzzjonijiet u l-korpi involuti. L-eżerċizzju ġenerali ta' monitoraġġ li jmiss (Rebbiegħa 2011) ser jibda fil-bidu tal-2011.

Saru wkoll eżerċizzji ta' monitoraġġ immirat fejn, bħala riżultat tal-attivitajiet tiegħu ta' kontroll, il-KEPD sar konxju dwar il-livell ta' konformità f'istituzzjonijiet jew korpi speċifiċi. Uħud minn dawn kienu bbażati fuq il-korrispondenza, filwaqt li oħrajn ħadu l-forma ta' żjara lejn il-korp ikkonċernat. Fl-2010, il-KEPD għamel żewġ żjarat bħal dawn. Il-KEPD wettaq ukoll spezzjoni fuq il-post fiċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni f'Ispra sabiex jivverifika l-konformità fi kwistjonijiet speċifiċi.

## Ilmenti

Wieħed mid-dmirijiet ewlenin tal-KEPD, kif stabilit mir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data, huwa li jisma' u li jinvestiga ilmenti, kif ukoll li jmxexxi inkjesti fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq il-bażi ta' ilment.



Fl-2010, il-KEPD rċieva **94 ilment**; **25** minnhom instabu **ammissibbli**. Ħafna mill-ilmenti inammissibbli kienu jinvolvu kwistjonijiet fuq livell nazzjonali li l-KEPD mhux kompetenti dwarhom.

Il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet fl-ilmenti ammissibbli kienu jinvolvu allegat ksur relatat mal-aċċess u l-korrezzjoni, użu ħażin, ġbir eċċessiv u tħassir ta' data. Fi **11-il każ**, il-KEPD ikkonkluda li **nkisru r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data**.

Mill-ilmenti ammissibbli sottomessi fl-2010, il-maġġoranza (80%) kienu diretti kontra **I-Kummissjoni Ewropea, inklużi l-OLAF u l-EPPO**. Dan huwa mistenni billi l-Kummissjoni tagħmel aktar ipproċessar ta' data personali minn istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE. In-numru relattivament għoli ta' ilmenti relatati mal-OLAF u mal-EPPO jista' jkun spjegat min-natura tal-attivitajiet imwettqa minn dawk il-korpi.

## Konsultazzjoni dwar il-miżuri amministrattivi

Sar ukoll aktar xogħol f'konsultazzjoni fuq miżuri amministrattivi previsti minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE b'rabta mal-ipproċessar ta' data personali. Tqajmu diversi kwistjonijiet, inkluż it-trasferimenti internazzjonali ta' data personali, l-aċċess għall-identità ta' informatur, l-użu intern tal-e-mails u l-monitoraġġ elettroniku.

## Gwida orizzontali

Il-KEPD adotta wkoll **linji gwida** dwar investigazzjonijiet amministrattivi, proċeduri dixxiplinarji u sorveljanza bil-vidjo.

## Il-politika ta' konformità u infurzar

F'Diċembru 2010, il-KEPD adotta dokument ta' politika intitolat 'Il-Monitoraġġ u l-Iżgurar tal-Konformità mar-Regolament (KE) 45/2001'. Id-dokument jistabbilixxi l-qafas li fih il-KEPD jimmonitorja, ikejjel u jiżgura l-konformità tal-protezzjoni tad-data fl-amministrazzjoni tal-UE. Huwa jispjega n-natura tad-diversi **setgħat ta' infurzar** disponibbli għall-KEPD u jiddeskrivi l-ixprunaturi u l-kawżi għal kwalunkwe azzjoni formali li tista' tittieħed.

# KONSULTAZZJONI

*Il-KEPD jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni Ewropea dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data f'firxa ta' oqsma ta' politika. Dan ir-rwol konsultattiv huwa marbut ma' proposti għal leġiżlazzjoni ġdida kif ukoll inizjattivi oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tad-data fl-UE. Ġeneralment, dan jieħu l-forma ta' opinjoni formali, iżda l-KEPD jista' wkoll jipprovdi gwida fl-għamla ta' kummenti jew studji politiċi. L-iżviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data jiġu wkoll immonitorjati bħala parti minn din l-attività.*

## Xejriet ewlenin

Fl-2010, il-Kummissjoni għamlet progress sinjifikanti lejn **qafas legali modernizzat ġdid għall-protezzjoni tad-data fl-Ewropa**. Il-konsultazzjoni pubblika mnedija fl-2009 ġiet konklużiva u ssupplementata b'aktar konsultazzjonijiet immirati ma' numru ta' partijiet interessati ewlenin. F'Novembru 2010, il-Kummissjoni ħarġet il-Komunikazzjoni tagħha li tistabbilixxi approċċ komprensiv dwar il-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni Ewropea, li jidentifika l-prijoritajiet u l-oġettivi ewlenin għar-reviżjoni tar-regoli attwali.

Il-KEPD ta attenzjoni speċjali lill-proċess ta' reviżjoni matul l-2010 u wassal il-fehmiet tiegħu b'numru ta' modi. B'mod partikolari, il-KEPD għamel konferenza stampa *ad hoc* immedjatament wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni sabiex jesprimi l-fehmiet tiegħu pubblikament dwar il-qafas legali ġdid. F'din l-okkażjoni, il-KEPD għamel enfasi fuq

l-importanza tar-reviżjoni, li huwa kkunsidra li kienet f'waqtha ħafna u ta l-perspettiva tiegħu dwar il-punti ewlenin tal-qafas ġdid.

Fl-2010, il-Kummissjoni ddedikat ukoll sforzi sinjifikanti għall-implimentazzjoni tal-**Programm ta' Stokkolma** – Ewropa miftuħa u sikura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, li għe adottat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2009. Il-Programm jiddefinixxi linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattivi u operazzjonali fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u jiffoka fuq l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini.

Il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar **Aġenda Diġitali għall-Ewropa** kienet ukoll żvilupp sinjifikanti fl-2010, bil-għan li tistabbilixxi prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-Internet u t-teknoloġiji diġitali. Ħafna minn dawn l-inizjattivi tat-teknoloġija tal-informatika jikkontribwixxu għal tkabbir intelliġenti skont l-Istrateġija Ewropa 2020. Dawn l-inizjattivi u inizjattivi oħrajn marbuta mal-iżviluppi teknoloġiċi għandhom rilevanza sinjifikanti għall-protezzjoni tad-data u kienu mmonitorjati mill-qrib mill-KEPD.

## L-opinjonijiet tal-KEPD u kwistjonijiet ewlenin

Il-KEPD kompli jimplimenta l-**politika ta' konsultazzjoni** ġenerali tiegħu u ħareġ numru rekord ta' **19-il opinjoni leġiżlattiva** fuq suġġetti differenti. Din il-politika tipprovdi wkoll approċċ pro-attiv, li jinvolvi inventarju regolari ta' proposti leġiżlattivi biex ikunu sottomessi għal konsultazzjoni u d-disponibbiltà għal kummenti informali fl-istadji preparatorji tal-proposti leġiżlattivi. Il-biċċa l-kbira tal-opinjoni-

jiet tal-KEPD ġew segwiti fid-diskussjonijiet mal-Parlament u mal-Kunsill.

Fil-**qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja**, il-KEPD segwa mill-qrib bosta inizjattivi marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-**Programm ta' Stokkolma**. Fost l-oħrajn, il-KEPD ittratta ma' kwistjonijiet kritiċi dwar il-protezzjoni tad-data relatati mal-istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE, il-ġestjoni tal-informazzjoni, il-Politika tal-UE Kontra t-Terroriżmu, il-Frontex u r-Regolamenti tal-Eurodac. Kollox ma' kollox, l-iżviluppi li jikkonċernaw il-Programm ta' Stokkolma kienu entrata dominanti fl-aġenda tal-KEPD u mistennija jkomplu jkunu hekk fis-snin li ġejjin.

L-**interface bejn il-privatezza u l-iżviluppi teknoloġiċi** kien ukoll qasam fejn il-KEPD intervjena b'mod sinjifikanti. F'Marzu 2010, il-KEPD adotta opinjoni dwar 'Il-promozzjoni tal-fiduċja fis-soċjetà tal-informazzjoni bit-trawwim tal-protezzjoni u tal-privatezza tad-data' bħala l-kontribut tiegħu għall-Aġenda Diġitali tal-UE. Huwa intervjena wkoll b'diversi modi fuq inizjattivi marbuta mal-Internet u n-newtralità netta, ir-reviżjoni tad-Direttiva

dwar iż-Żamma tad-Data, id-Direttiva dwar l-Iskart elettroniku, ir-Regolament tal-ENISA u l-ġustizzja elettronika.

Il-KEPD kien ikkonsultat fuq diversi inizjattivi fil-qasam tal-**kooperazzjoni internazzjonali dwar is-sigurtà u l-infurzar tal-liġi**, bħall-ftehim internazzjonali bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-protezzjoni ta' data personali u l-qsim ta' informazzjoni għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, u l-ftehim dwar l-iskambju ta' data finanzjarja għall-finijiet tal-Programm għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTP II). Huwa intervjena wkoll fir-rigward tal-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) u l-ftehimiet dwar l-iskambju tar-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNRs).

Il-KEPD intervjena f'oqsma oħrajn, bħat-**tassazzjoni u d-dwana** (inkluża l-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u l-kooperazzjoni doganali internazzjonali), l-iskambji ta' data fuq skala kbira li jsiru fil-kuntest tas-**Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern**, l-użu ta' **skeners tas-sigurtà** fl-ajruporti u diversi każijiet tal-qorti dwar ir-relazzjoni bejn **l-aċċess pubbliku u l-protezzjoni tad-data**.

# KOOPERAZZJONI

*Il-KEPD jikkoopera ma' awtoritajiet oħrajn għall-protezzjoni tad-dejta biex jippromwovi protezzjoni tad-data konsistenti madwar l-Ewropa. Dan ir-rwol kooperattiv jestendi wkoll għal kooperazzjoni ma' korpi ta' kontroll stabbiliti taħt dak li kien it-"tielet pilastru" tal-UE u fil-kuntest ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira.*

Il-pjattaforma ewlenija għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-Ewropa hija l-**Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-Data tal-Artikolu 29**. Il-KEPD jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma, li għandu rwol importanti fl-applikazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data. Il-KEPD u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ikkooperaw flimkien b'mod effettiv fuq firxa ta' suġġetti, b'mod partikolari fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data u fuq l-interpretazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha. Il-KEPD ikkontribwixxa b'mod attiv f'għadd ta' oqsma, bħall-opinjoni dwar il-kunċetti ta' 'kontrollur' u 'proċessur', il-prinċipju tal-kontabilità u l-liġi applikabbli.

Il-KEPD ipparteċipa wkoll fil-laqgħat u l-attivitajiet tal-**Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja**, grupp konsultattiv li jitratta kwistjonijiet li jaqgħu taħt dak li kien it-tielet pilastru.

Wieħed mill-aktar kompiti kooperattivi importanti tal-KEPD jinvolvi lill-**Eurodac**, fejn ir-responsabbiltajiet tal-kontroll huma kondiviżi mal-awtoritajiet

nazzjonali għall-protezzjoni tad-data. Fl-2010, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Kontroll tal-Eurodac beda jaħdem fuq it-tnejn tal-verifika tas-sigurtà sħiħa li għandha titwettaq mill-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak ċentrali (tal-UE). Fl-aħħar tal-2010 tnediet spezzjoni kkoordinata ġdida, li r-riżultati tagħha mis-tennija jiġu ppreżentati fl-2011.

Fir-rigward tal-kontroll tas-**Sistema ta' Informazzjoni Doganali (CIS)**, il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Kontroll tas-CIS adotta r-Regoli ta' Proċedura li sejrjn jirregolaw il-ħidma futura tiegħu u ddiskuta l-azzjonijiet possibbli li jridu jittieħdu matul l-2011-2012 sabiex jiġi żgurat kontroll komprensiv tal-protezzjoni tad-data tas-Sistema.

Il-KEPD kompla jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet stabbiliti sabiex jeżerċita **kontroll konġunt fuq is-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE**.

Il-kooperazzjoni f'**forums internazzjonali oħrajn** kompliet tattira l-attenzjoni, speċjalment fil-Konferenzi Ewropej u Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data li saru fi Praga u Ġerusalem, rispettivament.

B'kooperazzjoni mal-Università Ewropea f'Firenze, il-KEPD organizza workshop dwar '**Il-Protezzjoni tad-Data f'organizzazzjonijiet Internazzjonali**'. Il-workshop indirizza diversi sfidi li jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet internazzjonali li jippruvaw jiżguraw livell tajjeb ta' protezzjoni tad-data f'kuntesti xi drabi diffiċli u mingħajr bażi legali ċara.

# GĦANIJET EWLENIN GĦALL-2011

L-għanijiet li ġejjin intgħażlu għall-2011:

## Kontroll u Infurzar

- It-tqajjim ta' kuxjenza

Il-KEPD ser ikompli jinvesti l-ħin u r-riżorsi fl-għoti ta' pariri u gwida dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data. Dan it-tqajjim ta' kuxjenza ser jieħu l-forma ta' dokumenti ta' gwida fuq temi magħżula u workshops jew seminars interattivi li permezz tagħhom il-KEPD jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu f'qasam partikolari.

- Ir-rwol tal-kontrolli minn qabel

Minħabba li x-xogħol b'lura tal-verifiki minn qabel *ex-post* kien kważi tlesta kollu, il-KEPD se jikkonċentra fuq l-analiżi tal-konsegwenzi relatati mal-operazzjonijiet ġodda tal-ipproċessar. Il-KEPD ser ikompli jagħmel enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fl-opinjoni ta' verifika minn qabel u jiżgura segwitu adegwat.

- Eżerċizzji ta' monitoraġġ u rappurtar

Il-KEPD ser ikompli jissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, billi jniedi kemm eżerċizzju ta' monitoraġġ ġenerali (Rebbiegħa 2011) kif ukoll eżerċizzji ta' monitoraġġ immirat fejn il-livell ta' konformità f'istituzzjonijiet u korpi speċifiċi huwa kawża għal tħassib.

- Spezzjonijiet

Ser jiġu mnedija spezzjonijiet fuq il-post f'dawk il-każijiet fejn il-KEPD għandu raġunijiet serji biex jemmen li l-mekkaniżmu tal-konformità qiegħed jiġi mblukkat. Dawn ser jitqiesu bħala l-istadju finali qabel it-teħid ta' azzjoni ta' infurzar formali. Ser jiġu mnedija wkoll spezzjonijiet u verifiki fil-qasam tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jaqgħu taħt il-mandat tal-KEPD.

## Politika u Konsultazzjoni

- Skop tal-konsultazzjoni

Il-KEPD ser ikompli joħroġ opinjonijiet jew kummenti f'waqthom dwar proposti għal-leġiżlazzjoni l-ġdida u jkompli jiżgura segwitu adegwat, fl-oqsma kollha rilevanti. Sejra tingħata attenzjoni speċjali lir-reviżjoni tal-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data, l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma u inizjattivi fil-qasam tat-teknoloġija.

- Reviżjoni tal-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data

Il-KEPD se jgħidli prijorità għall-iżvilupp ta' qafas legali komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tad-data. Huwa ser joħroġ opinjoni leġiżlattiva dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq approċċ komprensiv għall-protezzjoni ta' data personali, kif ukoll fuq kwalunkwe proposti leġiżlattivi konsegwenti oħrajn u ser jikkontribwixxi għad-dibattitu, fejn ikun meħtieġ u xieraq.

- Implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma

Il-KEPD ser ikompli jagħti attenzjoni speċjali lil diversi inizjattivi relatati mal-implimentazzjoni ulterjuri tal-Programm ta' Stokkolma fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, bħat-twaqqif ta' sistema ta' dħul u ħruġ u l-Programm tal-Vjaġġaturi Registrati, id-Direttiva antiċipata dwar l-użu tar-reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u l-introduzzjoni ta' Programm Ewropew għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu.

- Inizjattivi fil-qasam tat-teknoloġija

L-inizjattivi fil-qasam tat-teknoloġija li x'aktarx ikollhom impatt fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data ser jiġu kkunsidrati wkoll mill-qrib mill-KEPD. B'mod partikolari, il-KEPD ser ikompli jissorvelja l-implimentazzjoni tal-komponenti tat-teknoloġija tal-informatika tal-Ewropa 2020 previsti skont l-Aġenda Diġitali, bħall-RFID, il-'cloud computing', il-Gvern elettroniku u l-infurzar online tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali.

- Inizjattivi oħrajn

Il-KEPD sejjer jiffoka fuq l-inizjattivi l-oħrajn kollha li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tad-data b'mod sinjifikanti, pereżempju fil-qasam tat-**trasport** (eż. l-użu ta' skeners tal-ġisem fl-ajruporti, il-pakkett tal-mobilità elettronika) u l-iskambji ta' data fuq skala kbira li jistgħu jsiru fis-**sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern**.

- Kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data

Il-KEPD sejjer ikompli jikkontribwixxi b'mod attiv għall-attivitajiet u s-suċċess tal-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-Data tal-Artikolu 29, jinfluwenza l-programm ta' ħidma tiegħu skont il-prijoritajiet tal-KEPD, jiżgura konsistenza u sinerġiji bejn il-Grupp ta' Ħidma u l-pożizzjonijiet tal-KEPD u jżomm relazzjonijiet kostruttivi mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data. Bħala rappor-

teur għal fajls speċifiċi, il-KEPD sejjer imexxi u jħejji l-adozzjoni tal-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma.

- Kontroll ikkoordinat

Il-kontroll ikkoordinat huwa meħtieġ mil-liġi tal-UE għall-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali u – minn nofs l-2011 – is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża. Għan importanti għall-KEPD sejjer ikun li jipprovdi lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data involuti fil-kontroll ikkoordinat b'segretarjat effikaċi. Bħala kontrollur għal sistemi tal-IT fuq skala kbira, il-KEPD sejjer jipparteċipa wkoll b'mod attiv fil-kontroll ikkoordinat tagħhom u jwettaq verifiki regolari tas-sigurtà.

## Oqsma oħrajn

- Informazzjoni u komunikazzjoni

Il-KEPD sejjer iħejji l-bażi għal reviżjoni tal-Istrateġija ta' Komunikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin. Dan l-eżerċizzju ġenerali ser jiġi ssupplimentat minn aktar valutazzjonijiet immirati tal-impatt tal-għodod ewlenin ta' informazzjoni u komunikazzjoni.

- Organizzazzjoni interna

L-għanijiet ewlenin għall-2011 ser ikunu t-tlestija tar-riorganizzazzjoni interna, l-isforzi mġedda fuq il-ġestjoni tal-prestazzjoni fil-kuntest ta' reviżjoni strateġika u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod ġodda tal-IT. Ser issir ukoll enfasi partikolari fuq il-kontroll intern u l-proċeduri, allokazzjoni aħjar tar-riżorsi u titjib fl-implimentazzjoni tal-baġit.

- Ġestjoni tar-riżorsi

Il-KEPD ser ikompli jinvesti riżorsi fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema tal-ġestjoni ta' każijiet. Ser tingħata wkoll prijorità lit-tlestija ta' Ftehimiet fil-Livell tas-Servizzi mal-Kummissjoni Ewropea għall-iskjerament ta' applikazzjonijiet tal-IT fil-qasam tar-riżorsi umani (eż. Formazzjoni ta' Syslog, Sysper u Sistemi tal-lpproċessar ta' Missjonijiet).

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

## **Rapport Annwali 2010 – Sommarju Eżekuttiv**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 — 12 pp. — 21 x 29,7 cm

ISBN 978-92-95073-92-0

doi:10.2804/26268

### **KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

#### **Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat fax f'dan in-numru: +352 2929-42758

#### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas**

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);

#### **Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u Ir-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ([http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)).





KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

*KEPD – Il-gwardjan Ewropew  
għall-protezzjoni tad-data personali*  
**[www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu)**



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-95073-92-0



9 789295 073920